VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,428, 26 ta' Ġunju, 2020
Taqsima B

A.L. 268 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science - M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 363 tal-2018, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2020 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) F'dawn l-ordinamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate fl-oqsma ta' studju rilevanti – P.G. Cert.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma fl-oqsma ta' studju rilevanti – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

L-Emenda għall-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Tul tal-Kors

10. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time*."

L-Emenda għall-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali

5. Il-paragrafu (2) li ġej għandu jidħol wara paragrafu (1) tal-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) L-istudenti li jiksbu t-30 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' 50%, u ma jkomplux bil-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess il-Kors, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate."

6. Il-paragrafi (2) sa (4) tal-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (3) sa (5).

L-Emenda għall-ordinament 12 tal-ordinamenti prinċipali

7. Il-paragrafu (4) li ġej għandu jidħol wara paragrafu (3) tal-ordinament 12 tal-ordinamenti prinċipali:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(4) Progressjoni għall-komponent tar-riċerka jirrikjedi li jintemmu b'suċċess it-taqsimiet studju mgħallma kollha (60 krettu ECTS) b'marka medja ta' mhux inqas minn 50%."

L-Emenda għall-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali

8. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-istudenti għandhom jissottomettu t-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għall-approvazzjoni tal-Bord sal-aħħar tat-tieni semestru."